MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 740/2014

**Fair Deal Furniture (Malta) Limited**
**C49949**

**vs**

**Spiteri William**
**ID No.321982-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta` attrici ddikjarat illi hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' seba' mija u hamsin ewro (€750) rapprezentanti bilanc ta' hlas fuq ordni ta' ghamara li saret fuq ordni tieghu stess u dan kif jidher mill-fattura annessa u mmarkata 'Dok.A'; Illi dan il-hlas sar permezz ta' cekk bin-numru 288 fl-ammont ta' seba' mija u hamsin ewro (€750) datat it-12 ta' Marzu, 2014 (anness immaekat 'Dok.B'), liema

cekk ma seta’ qatt jissarraf minkejja diversi tentattivi da parte tas-Socjeta` attrici;

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi anke permezz ta’ ittra legali datata 30 ta’ Gunju, 2014 (annessa u mmarkata ‘Dok.C’ huwa xorta wahda baqa inadempjenti;

Ghaldaqstant, is-Socjeta` attrici umilment titlob li dan l-Onorabbli Tribunal joghogbu:

1. Jiddikjara l-konvenut debitur tas-Socjeta’ attrici fl-ammont ta’ €750.00.
2. Jordna li l-konvenut ihallas l-ammont dovut.

Bl-ispejjez u interessi legali kollha.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-

Socjeta` attrici s-somma ta’ seba’ mija u hamsin ewro (€750.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------